**15 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Dottor Dominic Fenech

*versus*

Victor Camilleri *et*

**Malafma - Libell - Penali**

*F'sistema demokratika bħal tagħna li tħaddem u tgħożż il-liberta' ta'*

*l-istampa u l-pluraliżmu fix-xandir, ċertu element ta' kritika qawwija soġġettiva għandu jkun tollerat imma f'dal każ qed nitkellmu dwar fatt speċifiku, inkriminanti u malafamanti addebitat lill-attur biex jolqot proprju l-integrita' tiegħu, kemm dik professjonali kif ukoll dik personali.*

*Deċiżjonijiet reċenzjuri f'materja ta' libelli adottaw xejra aktar liberali f'dik li hija fissar ta' penali, speċjalment meta jkun hemm involuti nies attivi fil-qasam politiku, li mhuwiex pero' l-każ ta' l-attur. Madankollu, l-enfasi fuq il-piena huwa anqas immarkat minn qabel u dan impliċitament b'rikonoxxenza tal-fatt li llum il-ġurnata s-sens kritiku u ta' maturita' tal-qarrej ordinarju huwa aktar avvanzat u żviluppat minn fl-imgħoddi.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni, l-attur, wara li ppremetta li l-konvenuti kienu responsabbli fil-karigi rispettivi tagħhom għal dak stampat u ppubblikat fl-editorjal intitolat "It-Tgħawwiġ ta' l-Istorja" ippubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta "In-Nazzjon Tagħna" tal-Ħamis, 3 ta' Awissu, 1989 (Dok. A);

Illi l-fuq imsemmi stampat jikkostitwixxi, fil-konfront ta' l-attur, malafama li l-għan tagħha huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu fis-sens ta' l-artikolu tmienja u għoxrin (28) ta' l-Att erbgħin (XL) tas-sena elf, disa' mija u erbgħa u sebgħin (1974) dwar l-Istampa kif jiġi muri u ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi għalhekk l-attur għandu d-dritt jadixxi lil din il-Qorti għall-għotja minn kull wieħed mill-konvenuti tas-somma minnha likwidata skond l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara l-konvenuti responsabbli għal dak stampat u pubblikat fl-editorjal intitolat "It-Tgħawwiġ ta' l-Istorja" ppubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta "In-Nazzjon Tagħna" tal-Ħamis, 3 ta' Awissu, 1989;

Tiddikjara li l-istess stampat ippubblikat fl-imsemija *gazzetta* jikkostitwixxi, fil-konfront ta' l-attur, malafama li l-għan tiegħu huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu fis-sens ta' l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Tillikwida dik is-somma dovuta mill-konvenuti jew minn kull wieħed minnhom lill-attur minħabba l-istess malafama u dan skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu *in solidum* bejniethom jew mod ieħor lill-attur is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż;

Il-konvenuti eċċepew:

Illi l-konvenut Spiteri ma qarax l-artikolu qabel il-pubblikazzjoni tiegħu;

Illi l-editorjal li dwaru jilmenta l-attur huwa l-opinjoni tal-Bord Editorjali tal-ġurnal li huwa bbażat fuq fatti veri;

B'sentenza tat-3 ta' Mejju, 1993, l-Ewwel Qorti laqgħet it-

talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenuti Camilleri u Spiteri jħallsu lill-attur is-somma ta' Lm300 u Lm100 rispettivament in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati b'din is-sentenza u permezz ta' nota tal-11 ta' Mejju, 1993, huma interponew appell minnha quddiem dina l-Onorabbli Qorti fuq l-aggravju segwenti:

*Omissis*;

L-appellat wieġeb hekk:

Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-appell odjern, tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu għad-dikjarazzjoni tar-responsabbilita` tal-malafama li l-appellant ta lill-appellat u tilqa' l-appell inċidentali ta' l-appellat dwar danni, għar-raġunijiet segwenti:

*Omissis*;

L-appellat interpona appell inċidentali limitatament għall-*quantum* tad-danni, għar-raġunijiet segwenti:

*Omissis*;

Il-konvenuti appellanti wieġbu hekk:

*Omissis*;

Il-Qorti, wara li semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell u rat l-atti

kollha tal-kawża, sejra issa tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Din hija kawża ta' libell minħabba malafama allegatament magħmula lill-attur b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni ta' editorjal fil-ġurnal "In-Nazzjon Tagħna" fil-ħarġa datata l-Ħamis, 3 ta' Awwissu, 1989 bit-titolu "It-Tgħawwiġ ta' l-Istorja" (Dok. A) li tiegħu Victor Camilleri kien, f'dak iż-żmien, l-editur u Paul Spiteri, l-istampatur. Kif ingħad supra, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u llikwidat is-somma ta' Lm400.00 li kellha titħallas kwantu għal Lm300 mill-konvenut Camilleri u Lm100 mill-konvenut Spiteri;

Il-konvenuti ħassuhom aggravati għar-raġunijiet suespost, filwaqt li anke l-attur interpona appell inċidentali billi deherlu li l-ammont ta' danni li ġie likwidat kien baxx u messu kien aktar;

Ikun utili fl-ewwel lok li tiġi mistħarrġa l-lanjanza ripetuta ta' l-attur Dr. Dominic Fenech fis-sens li l-konvenuti, minkejja li ssollevaw l-eċċezzjoni tal-prova tal-verita` tal-fatti dawn mhux biss naqsu milli jsostnuha imma talli fil-kors tal-proċeduri bidluha b'oħra ta' *fair comment*. Il-Qorti bdiet biex teżamina din il-lanjanza qabel l-aggravji ta' l-appellanti għar-raġuni li din l-eċċezzjoni tista' tkun determinanti naħa jew oħra u hija ukoll ta' spedizzjoni faċili. In effetti ma huwa xejn korrett l-attur appellat li jinferixxi li l-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenuti kienet tabilħaqq dik li huma riedu jippruvaw l-verita` tal-fatti, dik jiġifieri li fil-liġi Ingliża hija komunement konoxxuta bħala "*the plea of justification*". Għall-kuntrarju, l-eċċezzjoni fil-meritu tgħid li l-editorjal kien jirrappreżenta l-opinjoni tal-Bord Editorjali tal-ġurnal *de quo* u li kien ibbażat fuq fatti vera. Din mhux ħlief forma fi kliem differenti tal-"*plea of fair comment*" u kwantu tali l-argumenti kollha mibnijin

mill-attur fuq din il-lanjanza m'għandhom l-ebda fondament;

Bażikament, l-aggravju tal-konvenuti huwa dak li l-editorjal *de quo* ma kienx jammonta aktar u ma jitbiegħedx *'il hinn minn fair comment*, kritika ġusta fuq persuna pubblika, dwar il-ħajja pubblika tiegħu u dwar materja ta' interess pubbliku. It-teżi tagħhom, isostnu l-appellanti mhux biss hija konfortata minn kittieba legali awtorevoli in materja imma anke minn każistika u ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u in partikolari fil-każ **Lingens** (Każ nru. 12/1984/84/131);

Min-naħa l-oħra l-appellat jissottometti li l-editorjal mhux ħlief eżerċizzju ta' *character assassination* ta' persuna professjonista, kif *del resto* kkostatat l-Ewwel Qorti stess fis-sentenza appellata;

Bħala Qorti ta' reviżjoni, din il-Qorti ħteġilha mhux biss li teżamina l-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Qorti imma li tagħmel l-apprezzament tagħha ukoll għall-kitba *de quo*. Minn dina l-analisi magħmula fid-dawl ta' l-aggravji tal-kontendenti appellanti kkostatat li l-editorjal *de quo* huwa msejjes fuq is-segwenti, jiġifieri:

Fuq fatti speċifiċi li jirriżutaw li huma veri;

Fuq kummenti ġeneriċi u speċifiċi rigwardanti l-fatti msemmijin fl-inċiż ta' qabel dan;

Fuq akkoppjament jew abbinament ta' fatti u kummenti flimkien bit-tnissil jew bl-inferenza ta' fatti ġodda jew imputazzjonijiet soġġettivi intiżi biex inaqqsu l-istima tal-qarrej di fronte l-attur fil-kariga tiegħu ta' *senior lecturer* fl-Universita` ta' Malta;

Il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbli, fit-termini tal-liġi, dwar l-ewwel żewġ inċiżi kif fuq elenkati. Minbarra li hu insenjant fl-Universita` ta' Malta, per eżempju, l-attur ma jikkontestax il-fatt li huwa għamel żmien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali ta' partit politiku. Kummenti goffi bħal "storiku, jekk tista' ssejjaħlu hekk ..." għalkemm huma indubbjament insulenti u denigranti jistgħu jiġu ttollerati fl-ambitu ta' kritika mmirata *in parte* biex turi kemm l-istorja ta' pajjiżna ġiet distorta minn persuna li kien messha taf aħjar. Wara kollox, f'sistema demokratika bħal tagħna li tħaddan u tgħozz il-liberta` ta' l-istampa u l-pluraliżmu fix-xandir, ċertu element ta' kritika qawwija soġġettiva għandu jkun ittollerat;

Sfortunatament, pero`, l-editorjal imur ferm oltre minn hekk. Għall-appellanti mhux biżżejjed li jikkumentaw li l-appellat mhux proficjenti fis-suġġett li jgħallem, l-Istorja, għax ma jafx xogħlu sew, imma saħansitra jattribwixxu dak li jsejħu bħala nuqqas ta' oġġettivita` għal motivi ulterjuri politiċi. It-tismija ta' l-affiljazzjoni passata ta' l-attur fi ħdan partit politiku saret appożitament biex isiru addebiti malfamanti għall-aħħar bħal brani segwenti;

"F'dak li jgħid (l-attur) ... għadu aktar imnebbah mit-twemmin partiġġjan milli mill-imparzjalita` ta' riċerka tal-fatti";

"... mingħalih li qiegħed jagħmel eżerċizzju ta' propoganda biex jaħbi dak l-imgħoddi li jixtieq jostor il-Partit Soċjalista";

Mela hawn non si tratta aktar ta' kumment, imma ta' fatt speċifiku, inkriminanti u malfamanti, addebitat lill-attur biex jolqot proprju l-integrita` tiegħu, kemm dik professjonali, kif ukoll dik personali;

L-intervent fuq ir-radju (mhux fuq it-televiżjoni, kif erronjament imsemmi fil-petizzjoni) da parti ta' l-attur appellat, għall-konvenuti kien eżerċizzju deliberat u intenzjonat li jinkwadra ruħu minn eżerċizzju simili li skond l-editorjal *de quo* (ara l-ewwel paragrafu):

"jippruvaw jiktbu mill-ġdid l-istorja ta' pajjiżna";

liema aġir jikkostitwixxi, skond l-istess ktieb:

"fost l-għar delitti mwettqa mis-Soċjalisti tul sittax-il sena ta' ħakma";

u għalhekk jistaqsi l-kittieb:

"B'min jaħseb li jrid jgħaddi ż-żmien Dominic Fenech?"

Wara kitba ta' din ix-xorta, xejn ma kien sorprendenti li l-Kap tad-Dipartiment fl-Universita` ġibidlu l-attenzjoni tiegħu għalih fis-sens li jekk iħallieh għaddej kien ser jagħmillu ħsara profesjonalment. Wara kollox anke l-konklużjoni nnfisha ta' l-editorjal turi bla tlaqliq fejn ried *inter alia* jasal:

"Nittamaw li Awtorita` tax-Xandir serja tara li insulti bħal dawn ma jseħħux aktar jew ta' l-inqas Xandir Malta jkollha d-deċenza, li meta jkun hemm mistieden xi ħadd bħal Dominic Fenech, tgħid li dan se jagħti versjoni soċjalista ta' l-istorja. Ta' l-inqas b'hekk it-tgħawwiġ ta' l-istorja jkun jidher bil-veru kulur partiġġjan tiegħu" (sottolinear tal-Qorti);

Minbarra s-suespost lanqas jista' jingħad li l-editorjal jagħmel

xi analisi ta' dak li suppost qal l-appellat waqt il-programm fuq ir-radju "L-Universita` tal-Kotra" u fil-kawża lanqas adduċa xi prova affidabbli in sostenn ta' dak li huwa jsejjaħ *fair comment*. Il-Qorti ma jidrilhiex li għandha tagħti xi piż partikolari, kif issottometta l-appellat, għall-fatt li l-konvenuti Spiteri ma xhedx - dik hija prerogattiva tiegħu. D'altronde l-kitba hija dik li hi. Iżda mill-bqija l-konvenuti appellanti ma mexxilhomx jikkontradixxu dak li xehed l-attur. Għaldaqstant l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sens li l-editorjal *de quo* kien malfamanti huwa ġust u jimmerita konferma;

Fl-appell inċidentali tiegħu, l-appellat Fenech ilmenta mill-ammont ta' danni li ġew lilu likwidati. Dan billi fil-fehma tiegħu u tenut tan-natura tal-kitba u r-riperkussjonijiet li din seta' kellha fuq il-karriera professjonali tiegħu kienet tindika li aktar kien il-każ li l-ammont ta' danni jersaq lejn il-massimu (Lm2,000) milli lejn il-minimu;

Il-Qorti, ankorke` rravviżat ċertu ammont ta' gravita` fil-kitba malfamanti, jidhrilha li l-ammont likwidat huwa wieħed xieraq. Fil-fatt il-kitba tagħmel ukoll kummenti li juru - anke jekk ma jiġġustifikax it-ton u l-insinwazzjonijiet - l-għala l-attur kien messu esprima ruħu fuq l-istorja ta' pajjiżna b'mod differenti minn kif għamel. Ġaladarba m'hemm ebda fatt ġdid minn dawk eżaminati u kkunsidrati mill-Ewwel Qorti mhux il-każ li d-danni jintmessu. Jingħad ukoll li deċiżjonijiet reċenzjuri f'materja ta' libelli adottaw xejra aktar liberali f'dik li hija fissar ta' penali, speċjalment meta jkun hemm involuti nies attivi fil-qasam politiku, li mhuwiex pero` l-każ ta' l-attur. Madankollu, l-enfasi fuq il-piena huwa anqas immarkat minn qabel u dan impliċitament b'rikonoxxenza tal-fatt li llum il-gurnata s-sens kritiku u ta' maturita` tal-qarrej ordinarju

huwa aktar avvanzat u żviluppat minn fl-imgħoddi. Kwindi l-appell inċidentali ukoll għandu jiġi respint;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju, 1993, tirrespinġi kemm l-appell intavolat mill-konvenuti, kif ukoll l-appell inċidentali interpost mill-attur;

L-ispejjeż ta' dan l-appell jiġi ssopportat kwantu għal żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenuti u terza parti ($^{1}/_{3}$) mill-attur.